# Johann G.L. Kosegarten u l-Istudju tal-Malti

***Mario Cassar & Alfred Scalpello***
mario.cassar@um.edu.mt
alfred.scalpello@um.edu.mt

**Abstract:** Johann Gottfried Ludwig Kosegarten (1792–1860) was a German professor of Oriental languages. In 1847 he published a paper in the journal *Zeitchrift für die Wissenschaft der Sprache* (Berlin), entitled 'Über die Maltesische Sprache' ('On the Maltese Language'). In this paper he scrutinizes to a large extent the lexical and grammatical aspects of two Maltese works: *Għnejjiet* – a hymn book probably written by Cleardo Naudi in 1832 – and *Storja tas-Sultan Ċiru* – a free translation of Charles Rollin's *Histoire de Cyrus* carried out by Mikiel Anton Vassalli in the late 1820s (but published posthumously in 1831). Both books were printed by the Church Missionary Society in Malta and employed Vassalli's rather idiosyncratic alphabet. Kosegarten could not speak Maltese, but as a veritable linguist he was able to comprehend and analyse the texts via his exceptional knowledge of Arabic.

**Keywords**: J.G.L. Kosegarten, Maltese language, affinity with Arabic, Mikiel Anton Vassalli, Church Missionary L. Society

Fil-*Journal of Maltese Studies* (Nos 25–6, 1994–95, pp. 13–39), Reinhold Kontzi kien kiteb artiklu tassew illuminanti fuq 'Il-Kontribut ta' Studjużi Ġermaniżi fl-Istudju tal-Ilsien Malti mill-Bidu tas-Seklu Sbatax sal-Bidu tas-Seklu Għoxrin'.[1] Kontzi kkontribwixxa tagħrif siewi fuq il-ħidma ta' Hieronymus Megiser (1553–1618),[2] Johannes Henricus Majus (1688–1732),[3] Johann

1 L-artiklu, miktub oriġinalment bil-Ġermaniż, kien tradott għall-Malti minn Martin Zammit.

2 Dan il-vjaġġatur kiteb lista ta' kliem Malti, l-ewwel fil-ktieb *Thesaurus Polyglottus vel dictionarum multilingue* (Frankfurt, 1603), imbagħad fil-famuż *Propugnaculum Europæ* (Leipzig, 1606). Megiser, li kien żar Malta fl-1588, skorrettament sostna li l-Malti huwa lsien Puniku.

3 Il-Professur Maius ippubblika studju bl-isem 'Specimen Linguae Punicae in hodierna Melitensium superstitis orbi erudito' (fil-ktieb *Thesaurus Antiquitatum et Historiarum Siciliae*, stampat f'Marburg fl-1718); fih inkluda l-*Pater Noster* bil-Malti – aktarx l-eqdem verżjoni li waslitilna s'issa. Maius qatt ma ġie Malta u qagħad fuq li qallu l-Ġiżwita Malti Stanislaus Joannes Ribier de Gattis – bażikament li l-Malti hu l-fdal li baqa' mill-ilsien Puniku qadim. It-tieni edizzjoni tal-ktieb dehret f'Leyden fl-1725.

Christoph Adelung (1732–1806),[4] Johann Joachim Bellermann (1754–1842),[5] Wilhelm Gesenius (1786–1842),[6] Carl Sandreczki (1810–92),[7] Hans Stumme (1864–1936),[8] Bertha Ilg (1881–1965),[9] u Theodor Nöldeke (1836–1930)[10] – kollha studjużi jew lingwisti Tedeski li b'xi mod jew ieħor interessaw ruħhom fil-lingwa Maltija. Mandankollu, jidher li Kontzi ma kienx jaf li kien hemm studjuż importanti ieħor tal-istess nazzjonalità li kiteb fuq il-Malti – dan kien Johann Gottfried Ludwig Kosegarten (1792–1860), filologu kontemporanju ta' Gesenius u lettur tal-ilsna orjentali fl-Università ta' Jena mill-1817 sal-1824. Għalhekk jidhrilna li t-tagħrif mogħti fl-artiklu preżenti kapaċi jitfa' dawl ġdid fuq dan is-suġġett affaxxinanti.

## Ħjiel bijografiku

Il-Ġermaniż Johann (jew Hans) Gottfried Ludwig Kosegarten (imwieled fl-10 ta' Settembru 1792 f'Altenkirchen, Rügen; miet fit-18 ta' Awwissu 1860 fi Greifswald) kien lingwista u studjuż tal-ilsna u l-kulturi orjentali. Missieru kien Gotthard Ludwig Kosegarten, kittieb, poeta u kappillan ta' Altenkirchen. Hans kien miżżewweġ lil Justine Auguste u kellu żewġt itfal, August u Charlotte. Kosegarten studja l-ewwel it-teoloġija u l-filosofija fi Greifswald; imbagħad, mis-sena 1812, il-lingwi orjentali

4 Adelung iddedika sitt paġni għall-Ilsien Malti fix-xogħol monumentali tiegħu *Mithridates* (Berlin, 1806). Adelung kien diġà konvint min-nisel Għarbi tal-Malti.

5 Bellermann, fil-*Phoeniciæ linguæ vestigiæ in Melitensi specimen* (Berlin, 1809), reġa' rewwaħ it-teorija tan-nisel Puniku tal-Malti.

6 Dan l-orjentalist magħruf, fil-*Versuch über die Maltesische Sprache* ('Stħarriġ dwar l-Ilsien Malti', Leipzig, 1810), waqqa' t-teorija ta' Bellermann li l-Malti għandu nisel Puniku u b'mod inkofutabbli fisser ix-xebh kbir li hemm bejn il-Malti u l-Għarbi.

7 Fl-1876, Sandreczki kiteb l-istudju *Die maltesische Mundart* ('Id-Djalett Malti') fil-ġurnal tas-Soċjetà Orjentali Ġermaniża. Hu ddefinixxa l-Malti bħala djalett tal-Għarbi ('ċertament imħassar ħafna').

8 Fl-1904, f'Leipzig, Stumme xandar *Maltesische Studien* ('Studji Maltin') u *Maltesische Märchen Geschichten und Rätsel* ('Ħrejjef, Stejjer u Xaradi Maltin'); f'dawn iż-żewġ xogħlijiet huwa ddeskriva l-Malti bħala lsien Għarbi-Sirjak. Fl-1909, imbagħad, ippubblika f'Leipzig ukoll *Maltesische Volkslieder* ('Għanjiet Folkloristiċi Maltin'), ġabra ta' 400 għanja popolari kkompilati minn Bertha Ilg.

9 Fl-1906 Ilg ippubblikat *Maltesische Märchen und Schwänke* ('Ħrejjef u Stejjer Maltin', 2 volumi) f'Leipzig.

10 Fl-1904, fir-reċensjoni tal-ktieb *Maltesische Märchen Geschichten und Rätsel*, Nöldeke ċaħad it-teżi ta' Stumme u għal darb'oħra rabat il-Malti mad-djaletti tal-Magreb.



Johann Gottfried Ludwig Kosegarten



Antoine Isaac, Baron Silvestre de Sacy – għalliem ta' Kosegarten

f'Pariġi, fejn l-għalliema tiegħu kienu Antoine-Léonard de Chézy[11] u Sylvestre de Sacy.[12] Ma nistgħux neskludu l-possibbiltà li kien appuntu de Sacy li xettel f'Kosegarten ċertu interess fil-Malti fiż-żmien meta kien student tiegħu.

Fl-1815, wara li rritorna l-Ġermanja, Kosegarten inħatar mill-Università ta' Greifswald assistent lettur biex jgħallem it-teoloġija u l-filosofija fuq bażi *part-time*. Il-lekċers li kien jagħti dwar l-istorja ta' Pommern wassluh biex jippubblika kronaka ta' Pommern l-antika bl-isem *Alte pommersche Chronik von Kantzov* (Greifswald, 1816–17), u ftit wara *Pommersche und rügische Geschichtsdenkmäler* (Greifswald, 1834) kif ukoll il-*Codex Pomeraniae diplomaticus* (Greifswald, 1843). Fl-1817 inħatar professur tal-ilsna orjentali fl-Università ta' Jena u hemmhekk ippubblika il-*mu'allaqa* tal-kittieb Għarbi 'Amr bin Kulṭūm (Jena, 1819), u ftit wara, flimkien ma' Carl Jakob Ludwig Iken, il-ġabra ta' ħrejjef Persjani *Tuti nameh* (Stuttgart, 1822). Qaleb ukoll għall-Ġermaniż il-poeżija Indjana *Nala* (Jena, 1820).

11 De Chézy (1718–98) kien orjentalist Franċiż, direttur tal-École des Ponts et Chaussées u professur tas-Sanskrit fil-Collège de France.

12 Il-lingwista u orjentalist famuż Antoine-Isaac-Sylvestre de Sacy (Pariġi, 1758 – Pariġi, 1838) kien għal xi żmien rettur tal-Università ta' Pariġi. Fir-reċensjoni 'Grammaire de la langue maltaise par Michel-Antoine Vassalli' (1829) li dehret fil-*Journal des Savans* ta' Pariġi, de Sacy, filwaqt li kkonferma li lsienna hu mnissel mill-Għarbi, irrikonoxxa l-kontribut ta' Vassalli fl-istudju xjentifiku tal-Malti.

Kosegarten iddedika wkoll ħafna ħin biex jipprova jiddeċifra l-ġeroglifiċi Eġizzjani. Fl-1824 reġa' ssejjaħ l-Università ta' Greifswald. F'Pariġi, Gotha u Berlin, editja u rreveda il-*Chresthomathia arabica* li kien ħareġ Leipzig fl-1828 u beda jaħdem fuq l-edizzjonijiet mhux mitmuma tal-annali Għarab ta' Tabari *Annales Taberstanenses* (Greifswald, 1831–53), tal-ġabra ta' innijiet Għarab *Kitab al-Aghāni* (l-ewwel volum, 1846) u tal-ġabra ta' fjabi Indjani *Pantschatantra,* li l-ewwel parti tagħha (Bonn, 1848) fiha r-reċensjoni sempliċi, filwaqt li t-tieni, li minnha laħqet dehret biss l-ewwel trasformazzjoni formali (Greifswald), suppost li kienet iddedikata għat-test aktar dettaljat. Ukoll mhux mitmuma huma l-edizzjoni maħruġa minnu tal-poeżija Għarbija *The Hudsailian Poems* (Londra, 1854) u l-*Wörterbuch der niederdeutschen Sprache* (l-ewwel volum, Greifswald, 1859–60). Barra minn hekk, Kosegarten kiteb ukoll storja tal-Università ta' Greifswald bl-isem *Geschichte der Universität Greifswald* (Greifswald, 1856–57, 2 volumi) u kiteb bosta artikli dwar l-għarfien tal-Malti-Għarbi[13] kif ukoll dwar id-djaletti Ġermaniżi. Il-bosta manuskritti tiegħu u xogħlijiet oħra miktubin bl-idejn dwar il-letteratura orjentali u dik Ġermaniża ħalliehom lill-Università ta' Greifswald.[14]

## L-għejun ta' Kosegarten

Il-kontribuzzjoni fejjieda ta' J.G.L. Kosegarten iġġib l-isem '*Über die Maltesische Sprache'* ('Dwar l-Ilsien Malti'); din dehret fl-1847 fir-rivista lingwistika *Zeitchrift für die Wissenschaft der Sprache* (it-tieni volum, l-ewwel ktieb, pp. 1–30), maħruġa mid-dar ta' pubblikazzjoni G. Reimer ta' Berlin u editjata minn Dr Albert Hoefer, professur ieħor fl-Università ta' Greifswald. Kosegarten jiftaħ l-istudju tiegħu b'dan il-mod:

13 Jekk hu hekk, allura suppost jeżistu artikli oħra ta' Kosegarten li jitkellmu fuq il-Malti. Aktar riċerka kapaċi tittraċċa dawn il-kontribuzzjonijiet.

14 Il-parti l-kbira ta' dan it-tagħrif bijografiku nstilet minn artiklu li jidher fil-verżjoni Ġermaniża tal-WIKIPEDIA (ara https://de.wikipedia.org/wiki/Gottfried_Kosegarten_%28Orientalist%29), hu nnifsu msejjes fuq il-kontribuzzjoni ta' Theodor Pyl, 'Kosegarten, Johann Gottfried Ludwig', f'*Allgemeine Deutsche Biographie* (*ADB*), vol. 16, 742–45.

"Fil-ktieb tiegħu *Versuche über die Maltesische Sprache* li deher fl-1810 f'Leipzig, Gesenius kien diġà stabbilixxa u pprova li l-ilsien Malti ma tnissilx mill-Feniċju, kif kien affermat imma mhux ippruvat għal żmien twil, iżda mill-Għarbi vernakulari, li wasal fil-Medju Evu flimkien mal-Għarab li ġew Malta. Il-Malti hu lsien Għarbi, b'dawk it-taqsiriet u t-tgħaqqid tal-kliem kif ukoll bil-karatteristiċi kollha diverġenti mill-Għarbi miktub fil-kotba, għal dak li għandu x'jaqsam mat-tiswir, l-inflessjoni u l-ordni tal-kliem fis-sentenza, li wieħed isib ukoll fl-Għarbi vernakulari tas-Sirja, l-Eġittu u l-Afrika ta' Fuq. X'aktarx li joqrob l-aktar lejn l-ilsien tal-Afrika ta' Fuq [i.e. il-Magrebin], konsegwenza loġika tal-pożizzjoni ġeografika ta' Malta u tan-nisel tan-nies li jgħixu fiha bħalissa. M'għandniex xi ngħidu, mis-sors ewlieni li uża, jiġifieri l-kitba ta' Agius de Soldanis bl-isem *Della Lingua Punica, presentamente usata da Maltesi* (Ruma, 1750), Gesenius seta' jikseb biss deskrizzjoni qasira u ġenerika u bla dettalji ta' dan l-ilsien, billi l-kitba ta' de Soldanis, filwaqt li fiha biss grammatika qasira u dizzjunarju ċkejken, ftit li xejn tforni testi sostanzjali bil-Malti. Biss xi kotba li għadhom kif ġew ippubblikati Malta, jistgħu jagħmlu tajjeb għal dan in-nuqqas, billi dawn inkitbu bil-Malti, bil-ħsieb li jintużaw mill-missjunarji Ingliżi biex jgħallmu liż-żgħażagħ Maltin. Minn dan il-għan ta' dawn it-talin, nistgħu fl-istess ħin nikkonkludu li f'dawn il-kotba, wieħed isib l-ilsien kif mitkellem bħalissa.

Għal tnejn minn dawn il-kotba, inħossni obbligat għall-ġentilezza ta' Dr Barth, kap tal-iskola missjunarja ta' Calw,[15] u minnhom ġbart il-materjal għall-kummenti u l-osservazzjonijiet dwar l-ilsien Malti li ġejjin. It-tnejn li huma mitbugħin b'ittri tal-ilsien Latin, jiġifieri bil-mod kif kitbu dwar il-Malti s'issa l-istudjużi kollha li studjaw dan l-ilsien. Biss f'kull wieħed miż-żewġ kotba, flimkien mal-alfabett Latin, għal skop prattiku, hemm mehmużin bosta ittri partikolari, biex wieħed ikun jista' jiddeskrivi aħjar xi ħsejjes Għarab li wkoll jifformaw parti mill-ilsien Malti u li wieħed ma jkunx jista' jiddeskrivi bl-ittri tal-Latin biss ..."[16]

"... Wieħed minn dawn iż-żewġ kotba huwa żgħir ħafna u stampat bil-litografija. Fih ġabra żgħira ta' innijiet reliġjużi għat-tfal tal-iskola ... It-titlu tal-ktieb huwa ∩*nejjŷt*. It-tieni ktieb fih mija u tlieta u għoxrin paġna mitbugħin ċar u jġib l-isem *Storja tas-Sultan Ciru mokuda myr-Rolinn* (Malta, 1831) ..."

15 Christian Gottlob Barth (Stuttgart, 1799 – Calw, 1862) kien saċerdot li baqa' magħruf l-aktar għax-xogħol tiegħu *Zweymal zwey und fünfzig biblische Geschichten für Schulen und Familien* (*Twice fifty-two Biblical Stories for Schools and Families*), Bibbja għat-tfal, tradotta għall-Ingliż bħala *Bible Stories,* imbagħad għal diversi lingwi Indjani. Ara https://en.wikipedia.org/wiki/Christian_Gottlob_Barth. Aktrax li Barth kellu kuntatti maċ-*Church Missionary Society* (CMS) li kienet attiva f'Malta. Ir-Rev. Christoph Friedrich Schlienz (m. 1868), li sakemm dam hawn Malta bejn l-1827 u l-1842 okkupa diversi karigi fl-istamperija tas-Soċjetà, wara kollox kien ministru Protestant Tedesk bħalu.

16 Sakemm stajna evitajna li nużaw dawn l-għeliem fil-ktiba tagħna, għax ħafna drabi mhuwiex possibbli li jiġu riprodotti fedelment b'mod diġitali.



Christian Gottlob Barth



Charles Rollin

L-ewwel ktieb li jsemmi Kosegarten huwa *Għnejjiet* (*Għenejjiet*)[17] li fih sitt innijiet kompluti bil-melodiji mużikali b'kollox. Għalkemm il-ktejjeb huwa bla data u bla isem, mill-informazzjoni esterna li għandna, jidher li ħareġ fl-1832 u li aktarx inkiteb minn Dr Cleardo Naudi (1781–1837).[18] Dan il-ktejjeb ta' 12-il paġna hu miktub bl-alfabett ta' Vassalli u jinkludi glossarju maħsub biex ifisser xi kliem diffiċli. Din il-ġabra ta' innijiet (aktar iva milli le msejsa fuq dawk komposti minn Isaac Watts) probabbilment kienet intenzjonata għall-istudenti tal-Iskola tal-Fqar u kienet mitbugħa fl-Istamperija taċ-Church Missionary Society (300 kopja).[19]

It-tieni ktieb, stampat ukoll fl-Istamperija taċ-Church Missionary Society (500 kopja), huwa *Storja tas-Sultan Ċiru Meħuda mir-Rollin* ta' Mikiel Anton Vassalli (1764–1829). Dan inkiteb apposta għat-tfal u ħareġ sentejn wara mewtu, appuntu fl-1831. Il-verżjoni oriġinali,

17 *Għenejjiet* hija l-forma diminuttiva ta' *għanjiet*; flokha llum probabbilment ngħidu '*għanjiet qosra'*.

18 Iċ-Church Missionary Society (CMS) fetħet il-missjoni tagħha f'Malta fl-1815 appuntu wara stedina ta' Dr Cleardo Naudi; fl-1822 nediet ukoll l-istamperija tagħha, fejn ġew stampati għadd ta' kotba reliġjużi u edukattivi bil-Malti. Baqgħet topera sal-1844. Għal tagħrif siewi fuq il-ħidma taċ-CMS favur il-kultivazzjoni tal-Ilsien Malti ara Olvin Vella, 'Il-Kodifikazzjoni tal-Ilsien Malti fis-Seklu 18 fl-Isfond Kulturali', teżi mressqa lill-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta għall-grad ta' Ph.D fil-Malti, 2015, pp. 235–238, 304–05.

19 Vella, *ibid*., pp. 315–16. Ara wkoll Anna Borg Cardona, 'Early 19th Century Hymns for Maltese Protestants', fi *Treasures of Malta* Vol. XI, No. 3 (2005), pp. 21–26.

miktuba bil-Franċiż minn Charles Rollin, kienet stampata f'Pariġi fl-1740 bit-titlu *Histoire de Cyrus*.[20] Dan il-ktieb kien maqlub għall-Ingliż fis-seklu dsatax u stampat Londra mingħajr data u isem l-awtur bit-titlu *The History and Travels of Cyrus* (245 + xvi paġna).[21] Fost oħrajn, kienu dehru wkoll traduzzjonijiet oħra bit-Taljan u bil-Grieg. Kosegarten ma jsemmix lil Vassalli għax anki l-verżjoni Maltija ħarġet mingħajr isem. Sirna nafu li t-traduzzjoni hi ta' Vassalli minn ittri mibgħutin minn C.F. Schlienz. Kosegarten jgħid li l-awtur anonimu Malti daqqa jaqleb it-test Franċiż kelma b'kelma u daqqa jislet biss partijiet minnu. Jargumenta li l-istess awtur 'seta' ħaffef ix-xogħol kieku mexa fuq verżjoni aktar sempliċi ta´ dik l-istorja, billi fil-verżjoni ta' Rollin ... wieħed isib bosta allużjonijiet li ż-żgħażagħ Maltin aktarx isibuha diffiċli biex jifhmu. Biss il-kittieb ħadem kemm felaħ biex jipprova jifhem dan it-test Franċiż.'

... L-awturi taż-żewġ kotba mhux dejjem kitbu b'korrettezza etimoloġika; minflok użaw l-ittra li suppost użaw, skont l-etimoloġija tal-kelma, kultant użaw ittra oħra li tixbahha fil-ħoss, billi mingħajr ebda dubju imxew mal-pronunzja tal-Maltin jew inkella ma fehmux eżattament biżżejjed din l-istess pronunzja ... Li kieku l-awturi taż-żewġ kotba taw kas tal-etimoloġija Għarbija tal-kliem kif suppost, kieku setgħu kitbu l-Malti b'mod aktar konsistenti, saħansitra bl-ittri tal-ilsien Latin milli dak li fil-fatt għamlu fil-kotba msemmija, u b'hekk ma joħolqux problemi biex il-poplu jkun jista' jifhmu; b'hekk ukoll l-awturi setgħu kkoreġew il-pronunzja li kultant tiddevja mill-pronunzja korretta tan-nies. Il-biċċa l-kbira tal-kliem Malti hu Għarbi. Kultant hemm numru żgħir ta' kelmiet bit-Taljan imma dawn ukoll setgħu sa ċertu punt ġew evitati billi f'dawn l-istess kotba jidher il-kliem Għarbi li jikkorrispondi għalihom. Kultant Gesenius fil-Malti jassumi li hemm xi ħaġa li la hija Għarbija u lanqas Taljana iżda li għandha nisel misterjuż. Jiena naħseb li mhuwiex faċli tipprova b'ċertezza xi ħaġa bħal din; billi din normalment issibha biss fi kliem Għarbi li m'għadux jintuża."

20 Charles Rollin (1661–1741) kien storiku u edukatur Franċiż, meqjum ħafna fi żmienu, imma litteralment minsi mill-ġenerazzjonijiet ta' wara. Kien iħaddan prinċipji Ġansenisti u serva ta' rettur tal-Università ta' Pariġi fis-snin 1694–99. L-aktar xogħlijiet importanti tiegħu huma *Traité des études* (Pariġi, 1726–31) u *Histoire Ancienne* (12-il volum, Pariġi, 1730–38). Ara https://en.wikipedia.org/wiki/Charles_Rollin. Il-ħajja tas-Sultan Ċiru, li deh-ret appuntu fil-*Histoire Ancienne*, kienet l-istorja favorita ta' Napuljun.

21 Dwardu Fenech, *Vassalli u Kitbietu*, Malta: PAM, 1977, p. 45.

## Kummenti ġenerali

Fl-istudju tiegħu, Kosegarten kemm-il darba jieqaf biex jagħti l-opinjonijiet tiegħu dwar diversi aspetti fonoloġiċi u grammatikali li jmissu l-Malti. F'paġna 11 jikteb hekk: 'Issa sa nagħmel xi osservazzjonijiet dwar xi punti li jolqtu l-ilsien Malti, billi deskrizzjoni dettaljata u pjuttost sħiħa u koerenti msaħħa bi kwotazzjonijiet tal-istruttura ta' dan l-ilsien, kieku titlob ħafna aktar spazju milli għandi għad-diżpożizzjoni tiegħi.'

F'paġni 4-5 jikkummenta: 'Il-Malti kultant minflok l-ittra *d* juża l-ittra *t*, kif wieħed jista' jara f'ħafna kliem. Hekk pereżempju fit-tieni ktieb imsemmi hawn isfel [*Storja tas-Sultan Ċiru*], il-kelma *Länder* ['artijiet'] bosta drabi nsibuha miktuba *artijŷt* minkejja li suppost hija l-ittra *d* hekk li tidher ukoll il-kelma *ardijiet*.'

Jitkellem ukoll fuq l-*imāla*. Hekk pereżempju fil-Malti jgħidu *tiegħu* (< *ta'*) minħabba li l-vokali Għarbija mtawla *â* bosta drabi tinbidel f'*i*, *e',* jew *ie* (*ŷ*). L-istess jgħodd għall-kelma *kienu* (*kien* < Għar. *kāna*). Kosegarten iżid li din il-pronunzja kienet diġà magħrufa fost l-istudjużi tal-grammatika Għarab. Skontu, jidher li l-*imāla* kienet l-aktar komuni fost l-Għarab Spanjoli u Afrikani.[22]

Kosegarten isostni li sakemm fil-Malti il-kliem Għarbi u l-inflessjonijiet tiegħu jintużaw relattivament b'mod sħiħ, wieħed mill-ewwel kapaċi jagħrfu u jifhmu. Iżda mill-banda l-oħra l-ħafna kliem Għarbi mqassar jew mixrub fil-Malti mhuwiex daqshekk ċar biex tiddeċifrah. Huwa jinnota li fiż-żewġ kotba msemmija spiss insibu kemm il-forma sħiħa kif ukoll il-forma mqassra tal-istess kelma. Pereżempju, daqqa tidher il-forma ridotta *li* u drabi oħra tidher il-forma kompleta *illi*. Jgħid ukoll li *hekk* hija forma mqassra ta' *hekda*.

Jinterpreta l-verb *af* bħala forma mqassra ta' *għaraf*.[23] Skont Kosegarten il-verb *għad* huwa residwu tar-raba' forma, anki jekk iżid: 'Biss fil-ktieb tagħna jintuża spiss ukoll il-verb *qal*.' Jgħaddi kumment ukoll fuq il-verb *kellu* (dejjem konjugat biż-żieda tas-

22 Gesenius kien diġà tkellem fuq l-okkorrenza tal-*imāla* fil-Malti (eż. *bieb* < Għar. *bāb*, *biex* Għar. Magrebin < *bāš*).

23 Cf. J. Aquilina, *Maltese-English Dictionary*, Malta: Mid Sea Books, 1987–90, p. 8: *af* < Ar. *'arafa* 'to know' (whence also Mal. *għaraf* 'to recognize') through the omission of the first two radicals.

suffissi pronominali). Fuq bażi etimoloġika jfisser *kieku* bħala verb li madankollu fil-Malti tal-lum jitqies bħala konjugazzjoni.[24] Il-verb *ta* hu mqassar mill-Għarbi *'aṭa*. Kosegarten iżid li t-tneħħija tal-*għajn* hija tassew rari.[25]

Kosegarten jagħti l-opinjoni tiegħu dwar kliem ieħor (li hu inspjegabbilment ifisser bħala 'diffiċli') bħal *daqs, billi, filli, milli, malli, biex, lejn, bla, wisq, dejjem, ukoll, jekk, dlonk, ebda,* u *kulmeta*. Is-suffissi pronominali tal-maskil (singular) huma *-u* u *-h* (eż. *tah, tarah, kellu, pajjiżu, eċċ.*). Aktarx li Kosegarten kien jaf biss l-Għarbi Klassiku; jidher ċar li ma kienx midħla tad-djaletti tal-Magreb għaliex ħafna minn dan il-kliem hekk imsejjaħ 'diffiċli' fil-fatt huwa komuni f'dawk id-djaletti.[26]

Filwaqt li Kosegarten isejjaħ il-Malti 'lsien Għarbi', ma jonqosx li jiġbed l-attenzjoni fuq il-lessiku Rumanz li kultant jitfaċċa fiż-żewġ testi skrutinizzati minnu. Isemmi, fost eżempji oħrajn, il-kliem *tron*, *qorti*, *nannu*, *gwerra, grazzja, lanza, kaċċa, bokka, biċċa*, u *barbtu* ('zijuh'). F'paġni 28–9 jikkummenta kif ġej: 'Il-kelmiet imħallta Taljani jidhru aktar spiss fl-istorja ta' Ċiru milli fil-ktieb iż-żgħir tal-innijiet. Kultant għandhom aktar il-karatteristiċi tal-Franċiż milli tat-Taljan, u f'dak il-każ, jidhru li ttieħdu direttament mit-test Franċiż ta' Rollin; għalhekk, għandna aktar inqisuhom bħala riżultati tal-għażż tat-traduttur [Vassalli] milli espressjonijiet komuni fit-taħdit tal-Maltin.' Hawnhekk, sintendi, l-awtur Ġermaniż qed jiżbalja għax il-Latiniżmi kollha msemmija fil-fatt huma parti integrali mill-vokabularju tal-Malti kontemporanju.

Kosegarten jirrimarka wkoll fuq il-proċess li bih kelmiet Rumanzi fil-Malti jieħdu sura grammatikali Semitika, bħal meta jiżdidulhom is-suffissi pronominali jew il-morfemi tal-plural Għarab – eż. *f'pajjiż**u**, post**ijiet***. Dan il-proċess illum jissejjaħ superimpożizzjoni morfoloġika.

## Il-konsonanti u l-vokali Maltin

Kosegarten jiddeskrivi wkoll xi ħsejjes li jeżistu fil-Malti. Jinnota li l-Malti jagħmel differenza bejn l-*ghayn* (ع eż. ***għ**ajnejhom* u

24 Cf. Aquilina, 649: Shortened form of *kien ikun* > Ar. *kīn jakùn*.

25 Cf. ibid., 1380: The verb *ta* [is] one of the irregular [or defective] verbs which has phonetically lost its first and third radical.

26 Osservazzjoni ta' Martin Zammit.

***għandu***) u l-*g͟hayn* (غ eż. ***għ****ajri* u *m****għ****ammem*). Il-Malti jagħmel differenza wkoll bejn il-*ħ* (ح eż. ***ħ****adid*, *min****ħ****abba* u *nifta****ħ***) u l-*h̲* (خ eż. *mfa****ħħ****rin*, *je****ħ****lishom* u *ie****ħ****or*). Sintendi dawn id-differenzi mhumiex evidenti fil-Malti tal-lum għax dijakronikament l-għażla spiċċat newtralizzata.[27]

Il-filologu Tedesk jinnota wkoll li l-Malti f'ħafna każi assorba numru ta' ħsejjes Għarab f'ħoss wieħed. L-ittra *t*, pereżempju toqgħod għat-tliet ħsejjes Għarab *tā* (ت eż. ***t****wessgħet*), *t̲* (ث eż. *it-****t****ieni*) u *ṭ* (ط eż. *j****t****ajru*). F'ċerti każijiet rari t-*t* tieħu post ukoll id-*d* (eż. *ji****t****fgħu*). L-ittra *d,* imbagħad, toqgħod għall-erba' ħsejjes Għarab *dāl* (د eż. *i****d****umu*), *ḍad* (ض eż. ***d****arba*), *ẓā* (ظ eż. *ti****d****her,* ***d****eherlu*),[28] u *d̲āl* (ذ).[29] L-ittra *s* toqgħod għaż-żewġ ħsejjes Għarab *sīn* (س eż. *i****s****uqu*) u *ṣād* (ص eż. *jħa****ss****el*).[30]

L-*alif* tal-Għarbi mhux biss tisparixxi quddiem nomi bħal *iben, bint* u *mratek* ('martek'), imma wkoll quddiem il-forom konjugati tal-perfett tas-seba', it-tmien u l-għaxar forma bħal fil-kliem *ndaħal*, *rtmejt* u *staqsa*.

Fiż-żewġ kotba msemmija, il-vokali qasira Għarbija (jew *fatħa*) hija rappreżentata permezz tal-ittri *e* u *y*. Ir-rappreżentazzjoni permezz tal-ittra *y* hija *imāla* tal-*fatħa* l-qasira, filwaqt li *ŷ* tirrappreżenta l-*imâla* tal-*fatħa* t-twila. Partikolarment quddiem u wara l-konsonanti ibsin, il-*fatħa* tiġi rappreżentata bl-ittra *a*, bħal fil-kliem *ard* u *qabel*; imma wkoll f'ħafna każijiet oħrajn, bl-inflessjoni tal-femminil -*a*, bħal fil-kelma *waħda*, u fil-komparattivi, bħal *aktar* u *anqas*.

Il-vokali Għarbija twila *â*, minħabba fl-*imâla* normalment tiġi rappreżentata kif diġà ktibt hawn fuq, permezz tal-ittra *ŷ*, bħal f'*kŷnu* (*kienu*) u *ommijŷt* (*ommijiet*). Imma f'bosta kliem, il-vokali twila *â* tibqa' bħal fil-kliem *dâk* u *slâten*.

Il-vokali Għarbija *i* (jew *kasra*) hi rappreżentata bl-ittra *i*, li tista' tkun twila jew qasira; hekk insibu *bihom* u *kbira*. Id-dittong Għarbi *aj* huwa rappreżentat permezz tal-ittri *ej* bħal fil-kelma *fejn*.

Il-vokali qasira Għarbija *ḍamma* l-aktar tiġi rappreżentata bl-ittra *o*, bħal fil-kliem *xogħol* u *fihom*, l-aktar f'sillaba magħluqa. F'sillaba miftuħa, id-*ḍamma* tiġi rappreżentata ukoll bl-ittra *u*, bħal fil-frażi *huma*

27 Gesenius kien diġà nnota li dawn iż-żewġ ittri kienu ngħaqdu f'ittra waħda.

28 Dan il-ħoss jitfaċċa wkoll fi kliem bħal ***d****ahar* (< Għ. *ẓahr*), ***d****ell* (< Għ. *ẓill*), u ***d****ifer* (< Għ. *ẓifr*).

29 Hawnhekk, l-awtur ma jagħtix eżempji, imma fil-Malti dan il-ħoss jitfaċċa fi kiem bħal ***d****ab*, *i****d****ub*.

30 Kelma li tinftiehem aħjar hija ***s****ider* (< Għ. *ṣadr*).

*kienu*. Il-vokali twila Għarbija *ḍamma* hija rappreżentata bl-ittra *u*, bħal fi-kliem *jdumu* u *magħmulin*.[31] Id-dittong Għarbi *aw*, jiġi rappreżentat bl-ittri *au*, bħal fil-kliem *qaus* (*qaws*) u *faura* (*fawra*).[32]

## Poskritt

Wara li temm dan l-istudju, Kosegarten jgħid li kien irċieva l-ħarġa ta' Mejju 1846 tar-rivista Pariġina *Journal Asiatique*, li fih il-Baruni William MacGuckin de Slane kiteb xi osservazzjonijiet dwar l-ilsien Malti ('*Note sur la langue maltaise'*) li hu rreġistra waqt li kien hawn Malta għal żmien qasir.[33] Fil-poskritt Kosegarten jikteb hekk: 'Mhux għax fihom ħafna informazzjoni ġdida. Biss hu wkoll ifisser ħafna mill-espressjonijiet diffiċli li fissirt jien ... Is-Sur Slane isemmi fl-aħħar nett ukoll bosta kitbiet oħra dwar l-ilsien Malti bħal: *Motti, aforismi e proverbii maltesi* ta' Vassalli (Malta, 1828).[34] Barra minn hekk grammatika ġdida tal-ilsien Malti ta' Panzavecchia (Malta, 1845),[35] u dizzjunarju ta' Falzon, kollha xogħlijiet li jien ma nafx bihom u ma naf xejn dwarhom.[36] L-Erba' Vanġeli u l-Atti tal-Appostli dehru f'verżjoni Maltija f'Londra fl-1829.'[37]

31 Id-*ḍamma* hija dejjem vokali qasira fl-Għarbi; Kosegarten hawn qiegħed jirreferi għall-*wāw* /w/ (و).

32 Għal tagħrif interessanti fuq l-użu tal-vokali twal u d-dittongi fis-sistema ortografika ta' Vassalli, ara Vella, *ibid*., 254–65.

33 De Slane (1801–78) kien orjentalist Irlandiż li fl-1838 kiseb iċ-ċittadinanza Franċiża.

34 Ġabra ta' 863 qawl miktuba bl-alfabett li Mikiel Anton Vassalli introduċa fil-*Grammatica della Lingua Maltese* tas-sena ta' qabel. Hu kien ilu jiġbor il-proverbji sa mill-1783.

35 Referenza għall-*Grammatica della Lingua Maltese* ta' Fortunato Panzavecchia. Il-Kanonku kien laħaq Direttur tal-Iskejjel Primarji s-sena ta' qabel u nieda sensiela ta' riformi biex imexxi l-Malti 'l quddiem fil-qasam edukattiv. Fost ħwejjeġ oħra mmodifika l-alfabett eżistenti billi bidel il-karattri Għarab f'sinjali fonetiċi.

36 Referenza għad-*Dizionario Maltese-Italiano-Inglese* (Malta, 1845) ta' Giovanni Battista Falzon, aktarx imsejjes fuq dak ta' Vassalli. Fid-daħla ta' dan id-dizzjunarja nsibu tagħrif ħafif fuq il-grammatika tal-Malti. It-tieni edizzjoni ħarġet fl-1882.

37 Referenza għax-xogħol ta' Vassalli, mibdi fl-1823 u mitmum fl-1829. Vassalli kien ħadem fuq il-verżjoni Latina tal-Vulgata, li tidher f'test parallel mat-traduzzjoni Maltija. B'xorti ħażina hu miet dik is-sena stess u l-pubblikazzjoni tal-*Quatuor Evangelia et Actus Apostolorum* kienet f'idejn il-Bible Society in Malta, ġestita miċ-CMS.




Il-lapida fuq il-qabar ta' Kosegarten fic-cimiterju l-qadim ta' Greifswald

**Nota:** It-traduzzjoni tat-test oriġinali mill-Ġermaniż għall-Malti saret minn Alfred Scalpello. Mario Cassar ħa ħsieb ir-riċerka bijografika u l-annotamenti kollha. L-awturi jixtiequ jirringrazzjaw lil Martin Zammit, li ġentilment aċċetta li jagħti l-kummenti tiegħu fuq il-komponent Għarbi tat-test, kif ukoll lil Olvin Vella u David Agius Muscat, li għoġobhom jaqraw l-abbozz ta' din il-ktiba u pprovdew xi suġġerimenti utli.